MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 521/2009

**Saviour Zammit (K.I. 624350M), Raymond Zammit, u Saviour Zammit (K.I. 8249M)**

**-vs-**

**L-Uffiċċju Konġunt, u Joseph Zammit, Margaret Cachia, Catherine Tanti u Salvinu Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-atturi fit-28 ta' Mejju 2009 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-esponenti ilhom għal snin twal jaħdmu b'mod esklussiv ir-raba' magħruf bħala 'Ta' Ghirgher', kontrada tas-Salvatur, sive tax-Xagħra, Safi b'titolu ta' qbiela mingħand l-Uffiċċju Konġunt.

Illi dan it-titolu ilu rikonoxxut b’mod esklussiv a favur tal-esponenti għal diversi snin u dan kif jirriżulta wkoll mid-diversi riċevuti ta’ qbiela maħruġin (kopja ta’ wħud minnhom hawn annessi u mmarkati Dok. A1-A7).

Illi riċentement l-esponenti saru jafu illi l-intimati Joseph Zammit, Margaret Cachia, Catherine Tanti u Salvinu Zammit huma għal kollox estranji għal din l-art li beda parti minnha qatt ma ġiet maħduma minnhom u / jew minn missierhom.

Illi l-intimati ma jistgħux jivvantaw ebda titolu validu a tenur tal-Att dwar it-Tiġdid tal-Kera tar-Raba’ (Kap. 199 tal-Liġijiet ta’ Malta) fuq ir-raba’ in kwistjoni.

Illi għalhekk ukoll għandu jirriżulta li r-rikonixximent da parti tal-Uffiċċju Konġunt ta’ kwalunkwe titolu fuq ir-raba’ in kwistjoni favur l-intimati nkiseb bi frodi u b’riżultat ta’ dikjarazzjonijiet foloz, inveritiera u / jew fi kwalunkwe każ skorretti fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jiġi ulterjorment pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi minkejja li l-Uffiċċju Konġunt ġie debitament interpellat permezz ta’ ittra uffiċjali (hawn annessa u mmarkata Dok. ‘B’) sabiex jirrevoka tali rikonoxximent għar-raġunijiet hemmhekk indikati l-Uffiċċju Konġunt baqa’ inadempjenti.

Illi *inoltre* billi l-esponenti ilhom rikonoxxuti bħala l-inkwilini esklussivi ta’ din ir-raba’ għal perjodu mill-elf, disa’ mija u sitta u disgħin (1996) u huma u missierhom ilhom jaħdmu din ir-raba’ ad esklużjoni ta’ kulħadd ieħor għall-perjodu li jmur mill-elf disa’ mija u sitta u sittin (1966) kull pretensjoni li seta’ kellhom l-intimati ad esklużjoni tal-Uffiċċju Konġunt fuq l-imsemmija qbiela hija preskritta bil-preskrizzjoni ta’ ħames snin a tenur tal-artiklu 2156 u bil-preskrizzjoni deċenali a tenur tal-artikolu 2140 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta).

Jgħidu għalhekk l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, għaliex m’għandhiex din il-Qorti tiddeċiedi billi:

1. Tiddikjara li t-titolu ta' qbiela fuq ir-raba' in kwistjoni huwa favur l-esponenti biss għad esklużjoni ta' terzi.

2. Tiddikjara li kwalunkwe rikonoxximent mogħti mill-Uffiċċju Konġunt lill-intimati jew min minnhom ġie hekk ottjenut mill-intimati jew min minnhom permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz, inveritiera u / jew skorretti fil-fatt u fid-dritt.

3. Tiddikjara konsegwentement illi l-intimati Joseph Zammit u / jew Margaret Cachia u / jew Catherine Tanti u / jew Salvinu Zammit m'għandhom ebda dritt u / jew titolu fuq ir-raba' in kwistjoni a tenur tal-Att dwar it-Tiġdid tal-Kera' tar-Raba' (Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta).

4. Tordna lill-Uffiċċju Konġunt sabiex jirrevoka kwalunkwe rikonoxximent ta' titolu lill-intimati jew min minnhom fuq ir-raba' in kwistjoni.

5. Tordna lill-Uffiċċju Konġunt sabiex jikkoreġi f'dan is-sens u kif opportun l-atti kollha relattivi għar-raba' mertu tal-kwistjoni.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tal-Uffiċċju Konġunt, preżentata fil-25 ta' Frar 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi *in via* preliminari jiġi eċċepit illi l-Uffiċċju Konġunt mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża u dan a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda u dan peress illi:

(i) Il-Gvern ta' Malta hu s-sid tal-porzjon art (għalqa) magħrufa bħala 'Ta' Għirgħer', kontrada tas-Salvatur, *sive*

tax-Xagħra, Ħal Safi, kif suġġetta għar-rata tagħha ta' qbiela ta' Lm7.05 fis-sena – u dan wara li din l-istess proprjeta', ġja provenjenti l-Prokura Grande tal-Kattidral ta' Malta, ġiet ittrasferita lill-Gvern permezz tal-ftehim li kien sar mas-Santa Sede nhar it-28 ta' Novembru 1991 u l-Att IV tal-1992;

(ii) Illi meta l-Knisja ttrasferiet din l-art lill-Uffiċċju Konġunt, l-ismijiet tal-gabillotti li kienu rikonoxxuti fil-qbiela tar-raba' in kwistjoni kienu ndikati bħala dawk ta' Mikiel Zammit, Pawlu Zammit u Franġisk Zammit, u għal żmien wara l-1993 – is-sena li fiha effettivament il-proprjeta' bdiet tiġi amministrata mill-Uffiċċju Konġunt, l-irċevuti baqgħu joħorġu f'isem dawn it-tliet persuni, li allura kienu rikonoxxuti *in solidum;*

(iii) Illi fl-1993, kienet saret talba minn Pawlu Zammit sabiex is-sehem tiegħu mill-qbiela tar-raba' in kwistjoni jiġi ttrasferit f'isem uliedu Salvu Zammit u Raymond Zammit (atturi f'din il-kawża), u l-istess talba ġiet sostnuta permezz ta' skrittura privata li saret quddiem in-Nutara Mary Cutajar nhar id-19 ta' Mejju 1995. Fil-fatt l-irċevuta tal-1996 ħarġet fl-ismijiet ta' Salvatore Zammit (iben Franġisk), Salvu u Raymond Zammit (ulied Pawlu) u Mikiel Zammit;

(iv) Illi f'xi żmien wara l-Uffiċċju Konġunt kien ġie mgħarraf illi Mikiel Zammit kien miet fit-2 ta' Marzu 1984, u kienet saret talba minn uliedu – Salvinu Zammit, Joseph Zammit, Margaret Cachia u Catherine Tanti, sabiex jiġu rikonoxxuti huma bħala gabillotti fil-qbiela tal-imsemmija raba';

(v) Illi min-naħa tal-Uffiċċju Konġunt intalbu r-riċerki testamentarji u dikjarazzjonijiet ġuramentati sabiex jiġi stabbilit min kien residenti mal-mejjet Mikiel Zammit fl-aħħar snin ta' ħajtu, u kif ukoll min kien jaħdem ir-raba' miegħu f'dan iż-żmien, u dan sabiex jiġu osservati d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta, u permezz ta' dikjarazzjoni ġuramentata li saret quddiem in-Nutara Mary Camilleri Cutajar nhar il-21 t'Ottubru 2008, ġie stabbilit li filwaqt li kienu biss Margaret Cachia u

Catherine Tanti li kienu jgħixu mal-mejjet missierhom fl-aħħar sena qabel ma miet, kienu l-erba' aħwa li kienu jaħdmu l-imsemmi raba', u saret talba fis-sens li Margaret Cachia u Catherine Tanti rrinunzjaw għall-ewwel ordni ta' preferenza stabbilit taħt id-definizzjoni ta' *'kerrej'* fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex min-naħa tal-Uffiċċju Konġunt ikunu jistgħu jiġu rikonoxxuti l-erbat aħwa flimkien u *in solidum* mal-aventi kawża ta' Pawlu Zammit u ta' Franġisku Zammit, jiġifieri l-atturi f'din il-kawża;

(vi) Illi dawn kienu l-kunsiderazzjonijiet li ħa l-Uffiċċju Konġunt sabiex inħareġ ir-rikonoxximent tal-konvenut nhar it-12 ta' Jannar 2009, u li qiegħed jiġi kkontestat permezz ta' din il-kawża;

(vii) Illi l-isem ta' Mikiel Zammit, missier il-konvenuti, baqa' jidher fuq id-dokumentazzjoni tal-Kurja, kif ukoll fuq l-irċevuti maħruġa mill-Uffiċċju Konġunt għal numru ta' snin wara li miet, u qatt ma kien hemm xi forma ta' kontestazzjoni għal dan l-istat ta' fatt;

(viii) Illi *inoltre* jrid jiġi rilevat ukoll illi d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta jiġu kkunsidrati f'kull talba li ssir għar-rikonoxximent. Jekk inhu l-każ li l-isem ta' Mikiel Zammit, jew tal-aventi kawża tiegħu, għal xi żmien ma baqgħux jidhru fuq l-irċevuta tal-ħlas, dan sar minħabba informazzjoni skorretta jew żbaljata li kellu l-Uffiċċju Konġunt. L-unika raġuni li għaliha isem jitneħħa minn fuq irċevuta meta jkun hemm numru ta' gabillotti rikonoxxuti *in solidum*, tkun li dik il-persuna tkun mietet mingħajr dixxendenti, u allura l-qbiela ta' dak ir-raba' jgħaddi fuq il-persuni l-oħra li kienu rikonoxxuti *in solidum*.

Illi l-Artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jikkontempla l-preskrizzjoni bl-għeluq ta' ħames snin f'azzjonijiet għall-ħlas ta' kera ta' bini jew ta' raba' – kwestjoni din li mhix mertu ta' din il-kawża. Barra minn hekk, il-Gvern ta' Malta hu sid tal-art in kwistjoni, bl-obbligu li jamministra b'mod tajjeb it-titolu u d-drittijiet li jitnisslu minn din il-proprjeta' – l-Artikolu 2140 li jirregola l-preskrizzjonijiet akkwiżittivi deċennali jipprovdi li persuna

ssir sid ta’ ħaġa mmobbli li hi tkun kisbet b’titolu li jgħaddi l-proprjeta’ u li tkun żammet għandha bħala sid, b’bona fidi u għal żmien mhux anqas minn għaxar snin – f’dan il-każ l-element tal-bona fidi hu nieqes minħabba li minn imkien ma jirriżulta li l-Uffiċċju Kunġunt f’xi żmien ħareġ ittra ta’ rikonoxximent f’isem l-aventi kawża ta’ tnejn biss mill-gabbillotti li kienu rikonoxxuti oriġinarjament – ad esklużjoni tal-aventi kawża ta’ Mikiel Zammit, u allura jidher li l-atturi qegħdin iserrħu l-pretensjoni tagħhom fuq dak li jidher li seta’ kien nuqqas amministrattiv, u mhux dritt li ngħata lilhom.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti, Joseph Zammit, Margaret Cachia, Catherine Tanti u Salvinu Zammit, ppreżentata fit-22 ta’ Marzu 2010, li permezz tagħha eċċepew:

Illi t-talbiet tal-parti l-oħra huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:

1. Preliminarjament, l-Uffiċċju Konġunt bħala sid tal-għalqa ‘Tal-Għirgħer’ kuntrata tas-Salvatur, Ħal Safi, f’relazzjoni ta’ qbiela li tiġġedded minn sena għal sena u mhux b’kuntratt għal żmien fiss, huwa liberu li jirrikonoxxi lil min irid fil-qbiela tar-raba’ u l-ebda persuna ma għandha dritt tiddisturba jew tattakka l-użu ta’ dina d-diskrezzjoni.

2. Illi l-esponenti sempliċement talbu li l-Uffiċċju Konġunt bħala sid tirrikonoxxi lill-esponenti bħala detenturi tal-qbiela flok missierhom Mikiel Zammit li għalkemm kien mejjet, kien baqa’ ndikat bħala nkwilin fuq l-irċevuti tal-qbiela, liema talba ġiet milqugħa mill-Uffiċċju Konġunt kif jidher minn Dok J1.

3. Illi fil-mertu l-Uffiċċju Konġunt kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu li jirrikonoxxi lill-esponenti (flimkien mar-rikorrent) bħala ko-inkwilini u suċċessuri fit-titlu tal-qbiela li

kellu missierhom Mikiel Zammit u dana għaliex bħala membri tal-familja, wara l-mewt tiegħu fit-2 ta' Marzu 1984, (Dok J2), Margaret Cachia u Catherine Tanti kienu jissodisfaw il-kriterji taħt l-Artikolu 2 tal-Kap 199 *stante* li kienu jgħixu mal-kerrej matul l-aħħar sena minnufih qabel il-mewt tiegħu, u kienu jaħdmu r-raba' miegħu jew għalih u dawna t-tnejn irrinunzjaw għall-ewwel ordni ta' preferenza (Kap 199 artikolu 2) biex ġew rikonoxxuti l-erbat aħwa kollha, ulied Mikiel Zammit, flimkien mal-*aventi causa* ta' Pawlu Zammit u ta' Franġisku Zammit.

4. Illi l-esponenti qegħdin jesebixxu bħala Dokument J3 sa Dokument J7, kopji ta' dokumenti li juru l-passaġġ tat-titolu ta' qbiela u minn kien rikonoxxut.

5. Illi dwar l-allegazzjoni dwar il-preskrizzjoni, l-esponenti jirrelevaw illi:

(a) In kwantu għal dik ta' ħames snin a tenur tal-Artikolu 2156 tal-Kap 16, dan l-artikolu huwa għal kollox irrelevanti *stante* li l-esponenti mhumiex qegħdin jitolbu ħlas ta' xi ċens jew kera mingħand ir-rikorrenti;

(b) In kwantu għal dik ta' għaxar snin a tenur tal-Artikolu 2140 tal-Kap 16, din hija kompletament insostenibbli *stante* li r-rikorrenti stess qiegħdin, b'dawn l-istess proċeduri, jirrikonoxxu lill-Uffiċċju Konġunt bħala sid. Ma jistgħux fl-istess nifs jallegaw li hija proprjeta' tagħhom bil-preskrizzjoni akkwiżittiva u dana skont id-dispost tal-artikolu 2118 tal-Kap 16 li jagħmilha ċara li persuni li jiddetjenu oġġett f'isem ħaddieħor – bħalma hu inkwilin – ma jistgħux jakkwistaw l-istess ħaġa bil-preskrizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Semgħet ix-xhieda;

Rat ukoll in-noti ta' sottomisjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tat-28 ta' Ġunju 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi qed jirreklamaw li l-konvenuti abbusivament ottjenew ir-rikonoxximent da parti tal-konvenut, l-Uffiċċju Konġunt, ir-rikonoxximent ta' art li jsostnu li ilhom jaħdmu huma għal numru ta'snin. Kif ġja' ssemma, il-konvenuti qed jeċċepixxu fost affarijiet oħra li l-Uffiċċju Konġunt seta' jirrikonoxxi lil min ried u li huma kellhom id-dritt li jkunu rikonoxxuti għar-raġunijiet imsemmija.

Illi bħala fatti, sa ċertu punt hemm qbil; missier il-konvenuti, llum mejjet, kien ko-inkwilin tal-art inkwistjoni iżda meta miet fl-1984 uliedu ma ġewx rikonoxxuti minfloku; eventwalment missier l-atturi, ko-inkwilin ieħor irrinunzja l-kirja tiegħu favur l-atturi; iżda ftit tas-snin ilu l-konvenuti saru jafu li kellhom id-dritt jidħlu minflok missierhom u meta pprovdew il-provi dan ir-rikonoxximent sar (fl-2009).

Illi l-attur, Saviour Zammit permezz tal-affidavit tiegħu xehed hekk:

*"Ngħid illi jiena llum għandi disa' u ħamsin sena. Sa minn tfuliti jiena kont u għandi mmur fir-raba' magħruf bħala 'Ta' Għirgħer' kontrada Tas-Salvatur magħrufa wkoll bħala x-'Xagħra' limiti ta' Ħal Safi. Ngħid li dan ir-raba' kien tan-nannu tiegħi bi qbiela u kien konċess lilu mill-Katidral ta' San Ġwann. Ngħid illi n-nannu tiegħi ossia Ġużeppi Zammit kien miżżewweġ darbtejn, u milli naf jien in-nannu tiegħi ma kienx sewwa mat-tieni mara tiegħu, u għalhekk kien ta' spiss jiġi jiekol għandna. Ngħid li missieri kien ukoll ta' spiss jmur jgħin lil missieru jaħdem ir-raba' u jiena kont ukoll immur magħhom. Niftakar wkoll li ħadd miz-zijiet ma kien jaħdem ir-raba' man-nannu u z-ziju Mikiel Zammit anqas biss kien jkellem lil missieru.*

*Niftakar li fis-sena 1966 in-nannu Ġużeppi kien ddeċieda li jċedi r-raba' mertu tal-kawza, ossia r-raba' Ta' Għirgħer u għaddih fuq uliedu. Kif diġa' għidt, missieri kien jaħdem ir-*

*raba' ma' missieru u z-ziju Mikiel ma kienx jkellem lil missieru. Apparti dan iz-ziju Mikiel ma kienx persuna li jaħdem ħafna raba'. Iz-ziju kellu razzett żgħir u ftit raba' miegħu u kien jaħdem lilhom biss. Madankollu n-nannu kien iddeċieda li jċedi r-raba' in kwistjoni favur uliedu. In-nannu kien mar il-Konkatidral ta' San Ġwann u d-Dipartiment tal-Għammieri u hemmhekk ċeda r-raba' b'mod li l-porzjonijiet ma kienux indaqs. Dan jirriżulta mid-Dipartiment tal-Għammieri u mill-fatt li sa minn dak iż-żmien 'l hawn qatt ma kien hemm kontestazzjoni fuq porzjonijiet. Fil-fatt lil missieri kien ċedielu l-akbar biċċa u liż-żewġ zijiet l-oħra sabiex ma jgħidux li ħallihom barra għal kollox, ċedilhom biċċa iżgħar kull wieħed. In-nannu kien iddeċieda hekk, sempliċiment għaliex missieri kien jaħdem ir-raba miegħu u l-oħrajn le.*

*Ngħid illi r-raba' li dejjem ħadem missieri kien dak delenijat bil-kulur aħdar fl-annessa pjanta, waqt li r-raba' li kien beda jaħdem iz-ziju Franġisku wara li ħadu mingħand missieri kien dak delenijat bil-kulur isfar. Ngħid li sa fejn naf jien l-porzjon raba' li kien messu z-ziju Mikiel kien proprju parti żgħira li kien beda jaħdem iz-ziju Franġisku wkoll. Fil-fatt iz-ziju Franġisku kien jaħdem dik il-parti li messet lilu u dik il-parti li mseet liz-ziju Mikiel u dana għaliex iz-ziju Mikiel qatt ma ried li jaħdem dak ir-raba'. Ngħid b'ċertezza li iz-ziju Mikiel qatt ma resaq fuq r-raba' in kwistjoni u anqas uliedu almenu mis-sena 1966 'l hawn. Tant dan huwa minnu li kien biss riċentement li l-kuġini qed jitolbu l-pussess ta' parti mir-raba' in kwistjoni. Ngħid illi jiena mort l-Għammieri u mill-kotba tal-Għammieri rriżultali liema biċċa kienet reġistrata fuq missieri u liema parti mill-art kienet reġistrata fuq iz-zijiet. Jirriżultali wkoll li fi żmien is-snin sebgħin, iz-ziju Mikiel tant ma kienx jaħdem ir-raba' in kwistjoni, li ċedih lil ibnu Joseph, ossia wieħed mill-konvenuti fil-kawża. Hawn qed nirreferi għal dik il-porzjon raba' mit-territorju in kwistjoni fejn kien reġistrat fuq isem iz-ziju Mikiel. Dan tal-aħħar ukoll qatt ma resaq 'l hemm tant illi fis-sena 2004 kien mar flimkien mal-kuġin Saviour Zammit bin Franġisku Zammit fid-Dipartiment tal-Għammieri u hemmhekk ċedielu proprju dik il-parti li kienet reġistrata fuq ismu u li fis-snin sebgħin kien għaddihielu missieru, ossija z-ziju Mikiel. Minn dawn*

*id-dokumenti jirriżulta bla ebda dubju li ħadd mill-kuġini qatt ma ħadem ir-raba' nkwistjoni, tant li l-unika biċċa raba' li qatt kienet reġistrata fuq isem Mikiel Zammit, dan kien għaddiha lil ibnu Joseph Zammit u dan tal-aħħar fis-sena 2004 ċediha lil kuġin tagħna Saviour Zammit bin Franġisku. Hawn nippreċiża, l-porzjon li Joseph Zammit għadda lil kuġin Saviour Zammi kienet l-istess porzjon li għalkemm kienet reġistrata fuq isem Mikiel Zammit u aktar tard Joseph Sammit, dina dejjem kien jaħdimha z-ziju Franġisku u aktar tard ibnu Saviour Zammit.*

*Ngħid illi fis-sena 1997, missieri kien ċeda r-raba' mit-territorju in kwistjoni fejn kien jaħdem hu, lili u lil ħija ndiviżament bejnietna. Ngħid illi jiena u ħija għamilna diversi benefikati fuq l-art fosthom daħħalna ħafna ħamrija, bnejna ħitan, ħawwilna kwantita ta' siġar taż-żebbuġ, dwieli u tal-frott, bnejna vaska għall-ħażna tal-ilma u bnejna diversi strutturi oħra. Ħaffirna borehole u rreġistrajniha. Ngħid li dan kollu sar fuq medda ta' snin, u qatt ħadd mill-kuġini wlied Mikiel Zammit ma żammewna jew irrimarkawlna li ma stajniex nagħmlu xejn fi ħwejjiġhom. Dan ukoll jindika b'mod mill-aktar ċar li ħadd minnhom qatt ma kien jersaq 'l hemm jew b'xi mod kien jaħdem ir-raba' magħna.*

*Ngħid ukoll illi apparti li la z-ziju Mikiel u anqas ħadd minn uliedu qatt ħadd ma resaq fuq l-art in kwistjoni, għal dawn l-aħħar tnax-il sena, l-Uffiċċju Konġunt dejjem aċċetta u rrikonoxxa fil-ħlas tal-qbiela tar-raba' in kwistjoni lili u lil ħija Raymond Zammit flimkien mal-kuġin tagħna Saviour Zammit bin Franġisku. Ngħid illi matul dan iż-żmien kollu li r-raba' kienet tinħadem minn missieri u aktar tard minni u min ħija, il-qbiela tar-raba' dejjem ħallasniha aħna u l-kuġin tagħna Saviour Zammit jew minn missirijietna. Ngħid ukoll li għalkemm l-irċevuta sa tnax-il sena ilu, kienet toħroġ ukoll fuq isem Mikiel Zammit, la dan tal-aħħar u anqas uliedu qatt ma ħallewlna xi sehem mill-qbiela.*

*Fis-sena 2000 l-Gvern kien ħareġ skema fejn talab li tkun reġistrata l-art tiegħu mill-okkupanti tal-istess raba'. Ngħid li peress li r-raba' kienet qiegħda tinħadem bejni flimkien*

*ma' ħija u l-kuġin Saviour Zammit (bin Franġisku), u peress li l-ħlas tal-qbiela kienet għadha ndiviża bejnietna, aħna konna applikajna taħt l-imsemmija skema sabiex ir-raba' jkun diviż skond fejn konna qed naħdmuu l-qbiela tkun apporzjonata. Ngħid li l-kuġini l-oħra fil-kawża qatt m'applikaw taħt din l-iskema. Dan juri wkoll li qatt ma kienu jaħdmu r-raba' fil-falsifikament ddikkjaraw li kienu qed jagħmlu fil-kawża."*

Illi ħutu u x-xhieda l-oħra prodotti minnhom jikkonfermaw dak li qal l-attur imsemmi.

Illi da parti tiegħu, il-konvenut Joseph Zammit qal illi:

*"Meta jien kont żgħir u sal-eta ta' xi sbatax-il sena kont immur fl-għalqa ta' Għirgħer kuntrata tas-Salvatur jew tax-Xagħri, f'Ħal Safi flimkien ma ħija Salvu li huwa xi ħames snin akbar minni. Konna mmorru fuqha l-iżjed għall-kaċċa u nsib fl-istaġun peress li dak iż-żmien kienet kważi kollha xagħri. F'dan il-perjodu kien għadu ħaj missieri Mikiel Zammit u aħna konna nkunu miegħu. Ix-xagħra kienet tintuża minn Paolo Zammit, hu missieri, biex jirgħa n-nagħaġ u l-mogħoż. Dana Paolo Zammit kien ikun ħafna hemm u missieri kien kwiet u kien jipprova kemm jista' jkun ma jtihx fastidju u joqgħod attent li ma jurtahx għax dana Paolo Zammit kien jippretendi li ma tantx nersqu 'l hemm. Kien żorr u jfittex l-inkwiet. Kien, per eżempju, jippretendi li l-ħarrub fil-ħarruba li kien hemm kien kollu tiegħu.*

*Kien hemm ukoll kamra u kulħadd kellu ċavetta. Missieri kien iżomm l-għasafar f'dina l-kamra waqt l-istaġun ta' Ottubru u April peress li konna nużawhom għall-insib.*

*Ħuhom ieħor li kien jismu Franġisk kellu biċċa bi ftehim u kien fiha l-ħamrija li kien jaħdimha. Dan Franġisk ma kienx juża l-biċċa li kienet xagħri.*

*Dina r-raba' kienet tal-knisja u skoprejna l-qbiela kienet fil-bidunett fuq in-nannu Ġużeppi Zammit u wara li miet inqasmet bejn it-tliet aħwa. Ir-riċevuta kienet toħroġ fuq it-tlieta ismijiet jiġifieri Franġisk, Paolo u missieri Mikiel.*

*Pero' dan aħna ma konniex nafuh għax missieri qatt ma qalilna.*

*Meta miet missieri fit-2 ta' Marzu 1984, Paolo Zammit kien talabna (lili u lil ħija) ċ-ċavetta tal-kamra għax qalilna li hemmhekk "ma għandkom xejn" u li "ma għandiex nersqu 'l hemm iżjed". Jiena u ħija ma konniex nafu li missieri kien ukoll fuq ir-riċevuta tal-qbiela u li kien għalhekk rikonoxxut u allura tajnih iċ-ċavetta u ma morniex hemm iżjed.*

*Ilu xi tliet snin kienet ġiet fuqi u fuq ħija kuġina tagħna Jane Busuttil u qaltilna li dik ix-xagħra għadha tgħajjat fuqna u għalhekk jien u ħija morna l-Joint Office u saqsejna u kkonfermawlna li r-riċevuta kienet għadha qed toħroġ fuq it-tliet aħwa li kienu kollha mietu.*

*Jiena u ħija kellimna lil kuġin Salvu Zammit (bin Paolo) li kien jieħu ħsiebha. Qalilna li meta miet missieru u ommu, hu u ħuh Raymond Zammit kienu ftehmu li x-xagħra (apparti l-porzjoni li kien jaħdem Franġisk Zammit – illum f'idejn ibnu Saviour Zammit) kienu qasmuha kollha bejnu u bejn ħuh Raymond Zammit u li kienu għamlu ħafna spejjeż fiha u li ma kienux lesti li jħalluna nużawha.*

*Jien kellimt lil ħuti bniet Margeret Cachia u Catherine Tanti dwar dan u ftehemna illi dak li kellna dritt għalih kellna nieħduh.*

*Aħna għalhekk ippreżentajna d-dokumenti kollha mal-Joint Office biex id-dritt ta' qbiela ta' missieri Mikiel jinqaleb fuqna l-erba' aħwa għal sehmu u ġejna rikonoxxuti b'ittra maħruġa mill-Joint Office bid-data 12 ta' Jannar 2009.*

*Aħna mbagħad ktibna lil Saviour Zammit u Raymond (ulied Paolo) u lil Saviour Zammit (bin Franġisk) biex niftehmu kif ir-raba' għandha tinqasam bil-kejl bejn kull familja. Dana sar permezz ta' ittra tat-22 ta' Jannar, 2009. Dawn m'aċċettawx u għalhekk kellha ssir kawża."*

Illi fl-affidavit ta' Vince Gilson, Direttur tal-Uffiċċju Konġunt, wieħed isib:

*"Illi l-Gvern ta' Malta hu s-sid tal-porzjon art (għalqa) magħrufa bħala 'Ta' Għirgħer', kontrada tas-Salvatur, sive tax-Xagħra, Ħal Safi, kif suġġetta għar-rata tagħha ta' qbiela ta' Lm7.05 fis-sena – u dan wara li din l-istess proprjeta', ġja' provenjenti l-Prokura Grande tal-Kattidral ta' Malta, ġiet ittrasferita lill-Gvern permezz tal-ftehim li kien sar mas-Santa Sede nhar it-28 ta' Novembru 1991 u l-Att IV tal-1992;*

*Illi meta l-Knisja ttrasferiet din l-art lill-Uffiċċju Konġunt, l-ismijiet tal-gabillotti li kienu rikonoxxuti fil-qbiela tar-raba' in kwistjoni kienu indikati bħala dawk ta' Mikiel Zammit, Pawlu Zammit u Franġisk Zammit, u għal żmien wara l-1993, l-irċevuti baqgħu joħorġu f'isem dawn it-tliet persuni, li allura kienu rikonoxxuti in solidum – din is-solidarjeta' jirriżultali li QATT ma ġiet ikkontestata minn xi ħadd mill-partijiet f'din il-kawża;*

*Illi fl-1993, kienet saret talba minn Pawlu Zammit sabiex is-sehem tiegħu mill-qbiela tar-raba' in kwistjoni jiġi ttrasferit f'isem uliedu Salvu Zammit u Raymond Zammit (atturi f'din il-kawża), u l-istess talba ġiet sostnuta permezz ta' skrittura privata li saret quddiem in-Nutara Mary Cutajar nhar id-19 ta' Mejju 1995. Fil-fatt l-irċevuta tal-1996 ħarġet fl-ismijiet ta' Salvatore Zammit (iben Franġisk), Salvu u Raymond Zammit (ulied Pawlu) u Mikiel Zammit;*

*Illi permezz ta' ittra bid-data tal-25 ta' Frar, 2008, id-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt ta' dakinhar ġie mgħarraf li Mikiel Zammit kien miet fit-2 ta' Marzu 1984, u li t-tfal tiegħu xtaqu li l-qbiela in kwistjoni tiġi ttrasferita f'isimhom;*

*Illi min-naħa tal-Uffiċċju Konġunt intalbu r-riċerki testamentarji u dikjarazzjonijiet ġuramentati sabiex jiġi stabbilit min kien residenti mal-mejjet Mikiel Zammit fl-aħħar snin ta' ħajtu, u kif ukoll min kien jaħdem ir-raba' miegħu f'dan iż-żmien, u dan sabiex jiġu osservati d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta, u*

*permezz ta' dikjarazzjoni ġuramentata li saret quddiem in-Nutara Mary Camilleri Cutajar nhar il-21 t'Ottubru 2008, ġie stabbilit li filwaqt li kienu biss Margaret Cachia u Catherine Tanti li kienu jgħixu mal-mejjet missierhom fl-aħħar sena qabel ma miet, kienu l-erba' aħwa li kienu jaħdmu l-imsemmi raba', u saret rinunzja min-naħa ta' Margaret Cachia u Catherine Tanti għall-ewwel ordni ta' preferenza stabbilit taħt id-definizzjoni ta' 'kerrej' fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex min-naħa tal-Uffiċċju Konġunt ikunu jistgħu jiġu rikonoxxuti l-erbat aħwa flimkien u in solidum mal-aventi kawża ta' Pawlu Zammit u ta' Franġisku Zammit,l-atturi f'din il-kawża;*

*Illi dawn kienu l-kunsiderazzjonijiet li ħa l-Uffiċċju Konġunt sabiex inħareġ ir-rikonoxximent tal-konvenuti nhar it-12 ta' Jannar 2009, liema rikonoxximent jidher li qiegħed jiġi kkontestat permezz tal-kawża odjerna;*

*Illi l-isem ta' Mikiel Zammit, missier il-konvenuti, baqa' jidher fuq id-dokumentazzjoni tal-Kurja, kif ukoll fuq l-irċevuti maħruġa mill-Uffiċċju Konġunt għal numru ta' snin wara li miet, u qatt ma kien hemm xi forma ta' kontestazzjoni għal dan l-istat ta' fatt;*

*Illi bħala prassi fid-Dipartiment tal-Artijiet, kif ukoll fl-Uffiċċju Konġunt, dejjem jittieħdu in kunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta, f'kull talba li ssirlu għar-rikonoxximent.*

*Illi dan hu dak li jirriżultali minn analiżi tad-dokumenti u informazzjoni li ġbart mill-file relattiv tad-Dipartiment."*

Illi l-Qorti hija tal-fehma li din il-kawża skattat għaliex il-konvenuti, li ndubbjament, kif jirriżulta mill-provi, qatt ma ħadmu l-għalqa in kwistjoni, tħajjru mill-iskemi tal-għajnuniet tal-Unjoni Ewropea u meta saru jafu b'dan għamlu l-applikazzjonjiet meħtieġa biex jiġu rikonoxxuti bħal ko-inkwilini kif kien missierhom qabel ma miet.

Illi mingħajr dubju l-iriċevuti esebiti mill-atturi jindikaw li dawn inħarġu fuqhom biss u ma hemmx lanqas dubju li l-konvenuti għal perjodu twil mill-1984 sal-2009 ma ħallsux

kirjiet u ħadd minnhom ma kien jaħdem l-għalqa in kwistjoni. X'kienet ir-raġuni huwa mmaterjali.

Il-Qorti jidhrilha li l-kwistjonijiet ta' preskrizzjoni li qajmu l-atturi huma għal kollox irrilevanti kif eċċepew il-konveunti. Fl-istess waqt taqbel mas-sottomissjoni tal-atturi li l-konvenuti, bl-atti t'ommissjoni tagħhom għal tant snin irrinunzjaw taċitament għal kirja li kellu missierhom (ara s-sentenza fl-ismijiet **"Henry Tabone vs Hilda Demajo"** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-21 ta' Mejju 2010) u għalhekk l-Uffiċċju Konġunt kien messu ra l-affarijiet aħjar qabel ma rrikonoxxa lill-konvenuti bħala ko-inkwilini.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuti kollha u tilqa' t-talbiet kollha attriċi.**

**L-ispejjeż kollha tal-kawża fiċ-ċirkostanzi partikulari tal-każ, ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti kollha.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------